**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Jannar, 2017

Rikors Nru : 248/16 AL

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja ta' Lulju tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (08/07/1995) u frott ta' dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, li twieldu fit-tnax ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (12/10/1999) u fit-tnejn ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha (02/03/2004) rispettivament;

2. Illi fit-tmienja u ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u sittax (28/04/2016), il-partijiet dehru fuq kuntratt ta' separazzjoni fl-

atti tan-Nutar Dr. Liza Schembri (kopja tal-kuntratt relattiv hawn anness u mmarkat bhala Dok A);

3. Illi fi klawsola numru wiehed u tletin (31) ta' l-imsemmi kuntratt il-partijiet qablu li ilhom separati *de facto* ghal dawn l-ahhar hames snin;

4. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet ghal partijiet stess skond il-kuntratt ta' separazzjoni filwaqt li l-manteniment pattwit ghat-tfal minuri dejjem thallas mill-missier u ma hemm l-ebda arretrati dovuti;

5. Illi l-esponenti jiddikjara li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

6. Illi ghaldaqstant il-partijiet jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-Ligi sabiex jinghata d-divorzju;

7. Illi ir-rikorrent jixtieq jiddivorzja u li z-zwieg tieghu ma' l-intimata ghandu jigi mahlul;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Lulju, 2016;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' April 2016 u de facto separati ghal dawn l-ahhar hames snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.